MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 599/2001/1

**Vincent Cuschieri Limited**

**Vs**

**Michael Lowell u b’digriet tal-14 ta’ Novembru, 2001 giet imsejha fil-kawza s-socjeta’ Rickshaw Company Limited u b’digriet tal-25 ta’ Novembru, 2004 gie revokat contrario imperio d-digriet tal-14 ta’ Novembru, 2001**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ disa’ mija u tnax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm912.81c) rapprezentanti prezz ta’ merci mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fil-Bologna Restaurant fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta. Bl-ispejjez u bl-interessi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-konvenut personalment m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra x-xhieda ta' John Cuschieri, Michael Lowell u ta' Pierre Galea.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici tissupplixxi merkanzija ta' l-ikel lill-entraprizi kummercjali fuq bazi ta' *wholesale* u fil-fatt mhux ikkontestat illi s-socjeta' attrici kkonsenjat *foodstuffs* fil-valur ta' disa' mija u tnax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm912.81c) fil-Bologna Restaurant.

Il-kwistjoni kollha hi jekk huwiex Michael Lowell li huwa responsabbli ghal dawn il-kontijiet.

F'dan ir-rigward xehdu rapprezentanti tas-socjeta' attrici li da parti taghhom ikkonfermaw illi safejn jafu huma huwa proprju Michael Lowell li huwa responsabbli ghal Bologna Restaurant.

Issa da parti tieghu Michael Lowell cahad kategorikament li huwa ghandu xi konnessjoni jew responsabbilta' fir-*restaurant* in kwistjoni. Huwa jghid hekk:
"Jiena mill-Bologna Restaurant qatt ma hadt qligh, u, kif ghidt, qatt ma hdimt hemmhekk. Il-Bologna Restaurant hija proprjeta' tal-kumpanija li jisimha Rickshaw Company Limited. Din il-kumpanija ghandu sehem fiha missieri John Lowell."

Huwa mbaghad zied jghid li qatt m'ghamel pagamenti lis-socjeta' attrici.

Illi minn ezami ta' l-unika *invoice* li giet esebita fil-process u cjoe' dik li tinsab a fol 26, dan il-kont huwa ntestat Pizzeria Bologna izda m'hemmx indikat min hu d-debitur.

A fol 25 tal-process hemm ittra mibghuta fil-11 t'Ottubru, 2001, cjoe' wara l-prezentata ta' l-Avviz odjern fejn Caroline Caruana ghar-Rickshaw Company Limited infurmat lis-socjeta' attrici illi Michael Lowell qatt ma kien responsabbli ghall-management u r-running ta' Pizzeria Bologna. Gie affermat ukoll illi l-operazzjoni ta' l-imsemmi *restaurant* kien fir-responsabbilta' ta' Rickshaw Company Limited.

Fl-14 ta' Novembru, 2001 din il-kumpanija Rickshaw Company Limited giet imsejha fil-kawza u minn dak iz-zmien 'il quddiem ma sar ebda progress billi kien hemm problemi ta' notifiki u minhabba f'hekk, tali digriet gie revokat fil-25 ta' Novembru, 2004. Is-sejha fil-kawza saret fuq talba ta' Michael Lowell u ta' dan ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi fuq il-kap ta' l-ispejjez billi kien il-kagun tad-dewmien f'din il-kawza.

Illi fid-dawl tal-premess it-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti rrizultaw dawn il-fatti:

1. Illi s-socjeta' attrici ssupplixxiet lil Bologna Restaurant merkanzija fil-valur ta' disa' mija u tnax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm912.81c) u li dan il-kont ghadu pendenti sal-lum.

2. Illi m'hemmx provi sufficjenti li jorbtu dan id-debitu ma' Michael Lowell personalment u li l-probabbilta' kbira hija li dan il-kont huwa dovut mill-kumpanija Rickshaw Company Limited.

3. Stante illi Rickshaw Company Limited m'hijiex parti minn din il-kawza, t-Tribunal ma jista' jaghti l-ebda provvediment fil-konfront taghha.

4. Id-dewmien f'din il-kawza huwa mputabbli ghal Michael Lowell li talab il-kjamata in kawza ta' Rickshaw Company Limited u ghalkemm saru xi tentattivi biex il-

kumpanija tigi notifikata, jidher li dawn l-isforzi saru principalment mis-socjeta' attrici.

5. It-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi s-socjeta' attrici kienet tibghat *invoices* lil Michael Lowell u Michael Lowell, qabel ma gietipprezentata l-kawza qatt ma cahad li huwa personalment involut, u din ic-cahda biss saret fil-mori tal-kawza u kieku gie spjegat qabel li l-kontijiet relattivi ghandhom jithallsu mir-Rickshaw Company Limited, huwa probabbli li s-socjeta' attrici kienet tharrek lilhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta' attrici, pero' ghar-ragunijiet fuq imsemmija jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------